MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1980/2003

**Joseph Azzopardi**

**vs**

**Nextgen IT Ltd**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li s-socejeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' tliet mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm375.00) rapprezentanti hlas ta' "commission" ghall-installazjonijiet li saru, liema somma hija certa, li kienet dovuta.

Bl-ispejjez mit-28 ta' Frar, 2003 meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kif ukoll bl-ispejjez ta' l-ittra bonarja, tad-9 ta' Settembru, 2003

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socejeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socejeta konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm375.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------